**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 145/2019**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Anna Marie Xuereb)**
**vs**
**Patrick Calleja**

**Illum 3 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Patrick Calleja ta' 51 sena bin Carmelo u Carmela nee' Delceppo mwieled l-Pieta' nhar l-4 t'Awwissu 1967 u residenti 64, Obsession, Triq il-Fortizza, Pembroke detentur tal-identita' 315067M

Akkużat talli, f'dawn il-Gżejjer, bejn ix-xahar ta' Awwissu 2003 u x-xahar ta' Mejju 2018 b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda,

1. Ikkomettejt serq ta' diversi ċekkijiet minn checue books diversi tal-Bank of Valletta, li jappartjeni lil Carmen Calleja, liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok u sar għad-dannu ta' l-istess Carmen Calleja;

2. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrejt ħaġa

b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qliegħ b'qerq ta' aktar minn ħamest elef (€5000), għad-dannu ta' martek Carmen Calleja;

3. Ikkomettejt serq ta' flus għad-dannu ta' Carmen Calleja liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi s-somma t'aktar minn Elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok;

4. U aktar talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, għamilt falsifikazzjoni f'atti awtentiċi u pubbliċi, jew fi skritturi kummerċjali jew ta' banek privati, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskritturi jew fil-firem, u cioe' ċekkijiet tal-Bank Bank of Valletta, li jappartjenu lil martek Carmen Calleja, u applikazzoni maħsuba għal bank HSBC Bank Malta plc, billi ħloqt pattijiet, dispożizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħalt dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5. U aktar talli xjentement għamilt użu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan is-sub titolu;

U aktar talli kiser ordni ta' Probation, meta wettaq reat fi żmien il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' Probation, hekk kif ikkontemplat f'Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

U aktar talli sir reċediva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi ġew deċiżi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat id-dokumenti ippreżentati u semgħet ix-xhieda;

Semghet il-provi; u

Rat li waqt is-seduta datata 19 ta' April 2023 l-imputat debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu Dottor Michae Sciriha tenna li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skond il-Liġi li tista' tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita' bil-Liġi. Wara li tatu żmien biżżejjed biex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa' lura mill-ammissjoni irreġistrata minnu, fil-preżenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li ikkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati.

**Decide:**

**Għaldaqstant u għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 183, 184, 261(c)(e), 267, 269(g), 279(b), 280, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib fuq ammissjoni tiegħu stess lill-imputat Patrick Calleja ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tiegħu.**

**Kwantu għall-piena il-Qorti, u wara li rat, l-Artikoli 2 u 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħati Patrick Calleja taħt ordni ta' probation u servizz, fis-sens illi tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-istess Patrick Calleja jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.**

**A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lil Patrick Calleja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Il-ħati jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.**

**Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-**

**Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Charlene Mallia**

**Inoltre, l-Qorti wara li rat l-Artikoli 2, 7, 11 sa' 4 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħati Patrick Calleja taħt ordni ta' servizz fil-komunita' bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal erbgħin siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.**

**A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din issentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor huwa, jista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.**

**Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal Sorveljanti assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.**

**Inoltre ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti timponi ordni ta' trażżin fil-konfront tal-ħati Patrick Calleja għal perjodu ta' sentejn mil-lum fejn il-persuna protetta hija dik ta' Carmen Calleja.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur**